2 ta' April, 1951.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Anthony Richard Calleja ne.** *versus* **Joseph E. Mamo ne.** (*)

## Apertura ta' Kreditu — Terminu.

*Min għandu l-obligu li jiftaħ kreditu favur persuna oħra fi żmien determinat għandu jiġi ritenut li eżegwixxa l-obligazzjoni tiegħu jekk huwa jipprokura dik l-apertura ta' kreditu, u jottjeni l-aċċettazzjoni tal-Bank għal dik l-apertura, fiż-żmien hekk determinat; u dan avvolja l-parti l-oħra tirċievi l-avviż tal-Bank li saret l-apertura tal-kreditu bi ftit ritard ta' żmien wara li jkun skada t-terminu li fih kellha ssir dik l-apertura.*

*Għax il-fatt li l-avviż tal-Bank jasal lil dik il-parti l-oħra ftit wara li jkun għalaq dak iż-żmien ma jġibx għall-konsegwenza li l-parti obligata naqset mill-obligazzjoni tagħha, purkè l-kreditu jkun infetaħ qabel għalaq dak iż-żmien; anki jekk tkun fetħitu proprju fl-aħħar ġurnata tat-terminu li fih kellha tiftħu.*

*Għaldaqstant il-persuna li favur tagħha kellha ssir dik l-apertura tal-kreditu ma tistax tippretendi illi l-parti obligata naqset minn dak l-obligu għas-semplici raġuni illi l-avviż tal-Bank waslilha ftit wara l-iskadenza tat-terminu; u konsegwentement ma tistax tippretendi li hija maħlula mill-obligazzjonijiet tagħha minħabba l-inadempjenza ta' min kellu jagħmel l-apertura tal-kreditu.*

Il-Qorti. — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re, illi biha l-attur nomine, wara li ppremetta li b'sentenza ta' dik il-Qorti fl-ismijiet tal-lum, maqtugħa fit-12 ta' Ottubru 1948, il-konvenut nomine ġie kundannat li jikkonsenja lill-attur nomine 3000 tunnellata ħadid (scrap iron) ta' daqs "vagonabili", salv xi perċentwali li jkollu miegħu ta' daqs "pronto forno", bil-patt li l-attur jiftaħ favur il-konvenut, fi żmien xahar, kreditu għall-prezz ta' l-istess ħadid, u salv bejn il-partijiet il-ftehim li għamlu l-partijiet dwar il-kwalità ta' ħadid li għandha tiġi konsenja-

---

(*) B'sentenza tas-7 ta' Mejju 1951 ġie mogħti lill-konvenut il-permess li jappella minn din is-sentenza quddiem il-Kumitat Ġudizzjarju tal-Maestà Tiegħu r-Re.

ta; illi l-attur nomine fetaħ dan il-kreditu favur il-konvenut fiż-żmien u skond il-kondizzjonijiet imposti f'dik is-sentenza, u dana però limitatament għal 2495 tunnellata ta' ħadid, peress li l-konvenut ikkonsenja d-differenza ta' 505 tunnellata in vista ta' l-iskrittura tas-26 ta' Novembru 1947; illi b'ittra tal-15 ta' Novembru 1948 (dok. A), il-konvenut sab oġġezzjoni dwar l-istess kreditu miftuħ favur tiegħu relativament għaż-żmien li fih ġie miftuħ u għal xi kondizzjonijiet oħra, u semma li, in vista ta' dan, huwa kien biegħ il-ħadid in kwistjoni, u għalhekk ried jiehem li mhux sejjer jikkonsenja l-ħadid fit-terminu tas-sentenza fuq ċitata; u illi l-attur għandu interess li l-konvenut jadempixxi l-obligazzjonijiet lilu imposti mill-istess sentenza li għaliha l-istess konvenut akkweta ruħu; talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u jingħataw il-provvedimenti kollha li jmissu, jiġi dikjarat li l-kreditu miftuħ favur il-konvenut mill-attur nomine ġie hekk miftuħ fit-termini stabbiliti fis-sentenza ġa riferita tat-12 ta' Ottubru 1948; u konsegwentement jiġi wkoll dikjarat u deċiż li, in vista ta' dina l-adempjenza da parti ta' l-attur nomine, il-konvenut huwa tenut li jadempixxi favur l-attur nomine l-parti ta' l-obligazzjoni, billi jagħmel il-konsenja tal-ħadid fil-kwantità ta' 2495 tunnellata, u taħt il-modalitajiet imsemmija fl-istess sentenza tat-12 ta' Ottubru 1948; salv kull dritt spettanti lill-attur nomine skond il-liġi fil-każ li l-konvenut jibqa' inadempjenti. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tad-29 ta' Novembru 1948, kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine, fol. 8, li fiha ssottometta li, qabel xejn, id-domanda kif formulata hija sostanzjalment talba ta' parir lill-Qorti, billi l-oġġett tagħha ġà jinsab regolat minn sentenza tat-12 ta' Ottubru 1948, li hija ċara biżżejjed u ma għandhiex bżonn ta' interpretazzjoni; illi, in subordine, il-kreditu ma ġiex miftuħ skond ma ordnat is-sentenza msemmija fiċ-ċitazzjoni, u lanqas ġie notifikat lill-eċċipjent fiż-żmien dovut; illi, dejjem subordinatament, anki kieku l-eċċipjent kien obligat jikkonsenja l-ħadid in kwistjoni, dan ma kienx possibbli, minħabba li l-Kummissarju tal-Pulizija ma tax il-permess li jiddepożita l-ħadid fuq il-moll, u lanqas ma kien ikun possibbli l-użin tal-ħadid "va-

gonabili'' bil-mezzi għad-dispożizzjoni tal-pixxaturi tal-Gvern; b'riżerva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re tal-14 ta' Frar 1950, li wara li ddikjarat li ma hemmx lok għad-deduzzjoni preliminari tal-konvenut, ċaħdet it-talbiet ta' l-attur nomine, bl-ispejjeż kontra tiegħu; billi kkunsidrat;

Illi bil-ġudikat ta' dik il-Qorti, li kopja tiegħu tinsab fol. 16 ta' dan il-proċess, ġie ddikjarat illi n-negozju tal-ħadid ("scrap iron") kuntrattat bejn il-kontendenti ma kellux jiġi eżegwit bil-kondizzjonijiet (a) u (d) imsemmijin fiċ-ċitazzjoni ta' allura. imma kellu jiġi eżegwit b'dawn il-kondizzjonijiet:— Li l-ħadid kellu jkun "vagonabili", imħallat ma' ħadid "pronto forno", mingħajr proporzjoni stabbilita, u jkun ta' kwalità tajba għall-iskop li għalih kien ġie destinat, li jiġi miżgħun minn piżatur tal-Gvern, u konsenjat fi żmien xahrejn fuq il-bankina tax-xatt tal-Marsa; u l-konvenut ta' allura u odjern ġie kundannat jeżegwixxi l-bejgħ taħt dawk il-kondizzjonijiet "bil-patt li l-attur fi żmien xahar jipprokura l-ftuħ tal-kreditu favur il-konvenut mill-ġdid, taħt il-kondizzjonijiet tal-bejgħ kif imsemmi, u taħt il-kondizzjonijiet l-oħra stabbiliti fil-ftuħ li l-attur ipprokura oriġinarjament favur il-konvenut skond id-dok. 37 fil-fol. 112 tal-proċess ta' qabel dan, esklużi dawk inkompatibili mal-kondizzjonijiet stabbiliti f'dik is-sentenza". Ġie deċiż ukoll li fil-każ li l-attur jonqos milli jipprokura l-ftuħ ta' dak il-kreditu fiż-żmien lilu mogħti f'dik is-sentenza, it-talba ta' l-attur biex jeżegwixxi l-bejgħ għandha tiġi kunsidrata miċħuda;

Illi din is-sentenza ta' qabel, li fuqha hu bażat il-ġudizzju odjern, ġiet mogħtija fit-12 ta' Ottubru 1948;

Illi fit-12 ta' Novembru 1948 l-attur għamel fil-Barclay's Bank apertura ta' kreditu a favur il-konvenut nomine, "confirmed irrevocable" għas-somma ta' £10,603. 15. 0, bil-kondizzjonijiet li hemm fid-dokument fol. 26 — dak stess, ċjoè, ta' l-apertura tal-kreditu;

Illi b'ittra tiegħu, li l-oriġinal tagħha jinsab fol. 5 u l-kopja fol. 35, il-konvenut informa lill-attur li hu kien irċieva l-avviż ta' l-apertura tal-kreditu mill-Bank dik il-għodwa (ċjoè fil-15 ta' Novembru 1948). F'dina l-ittra hu fisser ċar li l-kondizzjonijiet ta' l-apertura tal-kreditu ma kienux rego-

lari (infatti l-konvenut uża l-frażi "under certain questionable conditions"), u fisser ukoll li l-avviż ma kienx ġie lilu mogħti fiż-żmien meħtieġ, ċjoè sat-12 ta' Novembru 1948; u ikkonkluda jgħid li fit-13 ta' dak ix-xahar hu kien għalhekk biegħ il-"scrap iron" lil ditta oħra;

Illi minn dan hu ċar li minn qabel ma saret dina l-kawża l-konvenut kien qiegħed jikkontesta illi l-apertura saret skond il-kondizzjonijiet u fit-termini tal-ġudikat ta' qabel;

Illi konsegwentement ma hemmx lok għall-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut nomine, għaliex ma jistax jingħad li d-domanda odjerna tammonta għal talba ta' parir lill-Qorti, jew għal kwistjoni merament akkademika, meta bl-ittra tiegħu fuq riferita l-konvenut nomine ħoloq in-neċessità li tiġi definita ġudizzjarjament il-kwistjoni jekk l-apertura tal-kreditu saretx validament jew le. Meta d-domanda taċ-ċitazzjoni tista' tipprokura lil min jipproponiha riżultament utili, allura hemm l-interess, u għalhekk hemm id-dritt li tiġi proposta d-domanda (ara sentenza ta' dina l-Qorti "Brockdorff vs. Balzan", 8 ta' April 1899). F'dana l-każ hu ċar li d-domanda tad-dikjarazzjoni tar-regolarità ta' l-apertura tal-kreditu hija dwar id-dritt ta' l-attur għall-konsenja tal-ħadid, u kwindi hemm appuntu r-riżultament utili konsistenti fil-, jekk il-Qorti tkun ta' fehma li l-apertura tal-kreditu hi regolari u skond is-sentenza ta' qabel, u fiż-żmien preskritt, allura l-attur ikollu dritt għal dik il-konsenja. Għal dawn ir-raġunijiet ma hemmx lok għal dik id-deduzzjoni preliminari;

Illi mill-attijiet proċesswali hu ċar li n-"nodum juris" prinċipali hu dak jekk, biex jiġi ritenut li l-apertura tal-kreditu kienet fiż-żmien prefiss mis-sentenza ta' qabel, kienx hemm bżonn mhux biss li l-kreditu jinfetaħ fit-12 ta' Novembru 1948, imma anki li l-konvenut nomine jkun avżat bih bil-forma solita sa dik id-data, u mhux f'data aktar 'l hemm minnha;

Illi, bħala fatt, ma hux kontrastat illi l-avviż ta' l-apertura tal-kreditu ma ġiex mogħti lill-konvenut nomine sat-12 ta' Novembru 1948. Ġie impustat fil-5 p.m. tat-12 ta' Novembru 1948, u kien lest għad-"delivery" l-għada fit-13 ta' Novembru, għalkemm fil-fatt il-konvenut nomine rċevih fil-

15 ta' dak ix-xahar (ara dok. 31 u xhieda tal-konvenut fol. 45). Fatt hu li l-konvenut ma rċeviex l-avviż ta' l-apertura tal-kreditu sat-12 ta' Novembru 1948;

Illi biex tiġi riżoluta dina l-kwistjoni hemm bżonn li tiġi eżaminata n-natura ġuridika ta' l-"apertura tal-kreditu konfermat" — dak li fil-leġislazzjoni Franċiża jissejjaħ "credit confermé". Hu konoxxut li minn xi daqqiet il-venditur ma jikkonsenjax il-merkanzija direttament lix-xerrej, iżda bl-intervent ta' Bank, biex jassikura l-ħlas tal-prezz. Meta għal dana l-iskop issir apertura ta' kreditu konfermat, jiġu kreati rapporti bejn il-Bank u x-xerrej, ċjoè bejn il-Bank ordinatarju ta' l-apertura tal-kreditu u x-xerrej ordinanti, u jiġu kreati wkoll rapporti oħra bejn il-Bank u t-terz venditur. Ma hux disputat fid-dottrina illi, kwantu għar-rapporti bejn il-Bank u x-xerrej li jordna l-apertura tal-kreditu, dawn huma radikati fir-regoli tal-mandat. In kwantu għar-rapporti bejn il-Bank u t-terz venditur, ossija l-benefiċjarju tal-kreditu hekk miftuħ, l-opinjoni l-aktar akkreditata u prevalenti hi fis-sens li l-Bank jassumi "proprio nomine" obligazzjoni awtonoma, di fronti għall-benefiċjarju, li jħallas sas-somma ta' l-apertura tal-kreditu skond il-kondizzjonijiet ta' dik l-apertura;

Fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Lulju 1932 (ara Giurisprudenza e Dottrina Bancaria — Rivista p. 131), il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana, Pres. D'Amelio, fil-kawża "Carlo Bensa e C. contro Società Italiana di Credito e Banca Commerciale Italiana", qalet:— "E' verità non riformata da precedenti giurisprudenziali che l'apertura di credito sia una obbligazione autonoma, alla quale restano estranei i rapporti al di fuori della sua sfera". Din hija wkoll l-opinjoni tal-Professur Agostino Ramella, miġjuba fil-Bolaffio e Vivante, Cod. di Comm. Commentato, art. 380-381;

Illi minn dawna l-konsiderazzjonijiet il-Qorti hija ta' l-opinjoni li joħorġu dawn il-konsegwenzi:—

1. Jekk bejn il-Bank ordinatarju u x-xerrej ordinanti r-rapporti huma ta' mandatarju u mandant, hu ċar li skond il-prinċipju ġenerali (art. 1981 Kodiċi Civili, Kap. 23), ir-rapporti tal-Bank mal-benefiċjarju jiddependu minn "notizia" li l-benefiċjarju jkollu tat-termini tal-mandat. Il-konferiment

tal-mandat ta' l-apertura tal-kreditu, "sic et simpliciter", ma hux għalhekk biżżejjed għat-terz benefiċjarju;

2. Jekk ir-rapport bejn il-Bank u l-benefiċjarju tal-kreditu hu, kif inhu, obligazzjoni awtonoma fis-sens imsemmi fuq, hu ugwalment ċar li l-Bank ma hux vinkolat qabel ma l-promessa ta' l-apertura tal-kreditu tasal għan-notizzja tal-benefiċjarju. Għalhekk jingħad fil-Bolaffio e Vivante (loc. cit. pag. 162) :— "Origine dell'impegno che la banca assume verso il venditore è la stipulazione conchiusa col compratore Ma una volta data al venditore notizia dell'accreditamento, il legame si spezza, e la promessa ha vita autonoma, efficace, obbligatoria". Biex titwieled dik l-obligazzjoni awtonoma bejn Bank u benefiċjarju hemm bżonn tan-notizzja ta' l-akkreditament;

3. Tant hu hekk, li sakemm it-terz ma jiġix notifikat bl-apertura tal-kreditu, ix-xerrej jista' jirrevoka l-akkreditament. In-notifika ta' l-apertura, għalhekk, ma hix sempliċi formalità, imma rekwiżit sostanzjali; mhux biss biex jagħti lok għal-l-kreazzjoni ta' l-obligazzjoni awtonoma bejn Bank u benefiċjarju, imma anki biex jiġi stabbilit il-mument sa meta l-istess xerrej ordinanti jista jagħti kontro-ordni lill-Bank Għalhekk l-awturi ċitati jgħidu :— "Il contratto si perfeziona nel momento e nel luogo in cui il venditore beneficiario riceeva la notizia della promessa (ibidem, pag. 161). Din hi anki l-opinjoni tal-Pasquini, ċitat fin-nota tal-konvenut nomine fol. 116, li jikkonkludi illi "il momento perfezionativo del rapporto fra la banca e il venditore sarà quello in cui la lettera di credito giunge a notizia del venditore";

Illi minn dan jiġi li fil-konfront tal-konvenut nomine ma kienx hemm l-apertura tal-kreditu fiż-żmien meħtieġ, ċjoè sat-12 ta' Novembru 1948;

Illi l-objezzjoni ta' l-attur fin-nota tiegħu fol. 110, illi fis-sentenza ta' qabel jissemma biss il-ftuħ tal-kreditu, u mhux il-kommunika tiegħu, ma jistax ikollha valur; għaliex huwa intuwitiv illi meta dak il-ġudikant semma "ftuħ ta' kreditu", hu kien qiegħed jirriferixxi għall-ftuħ ta' kreditu fil-mod kif għandu jsir biex veramenti ikun ftuħ ta' kreditu vis-a-vis it-terz venditur;

Illi lanqas tista' tiġi akkolta l-osservazzjoni l-oħra ta' l-attur, li l-konvenut nomine seta' sama' minn għand ħadd ieħor fit-12 ta' Novembru 1948, jew seta' fehem li l-kreditu nfetaħ. Anki kieku wieħed kellu jimmaġina li l-konvenut sama, biex il-venditur jaċċetta l-kreditu hekk miftuħ jeħtieġ li l-apertura tkun saret skond il-kondizzjonijiet preskritti; u hu ċar li din il-verifika tal-kondizzjonijiet tista' ssir mhux fuq riferenza ġenerika ta' ħadd ieħor, imma bl-avviż formali tal-Bank bil-forma solita, kif hemm fid-dokumenti eżibiti. Molto pjù li, sakemm il-benefiċjarju ma jkunx avżat, ix-xerrej ordinanti jista' jagħti kontro-ordni lill-Bank u jbiddel dawk il-kondizzjonijiet. Hu l-avviż ta' l-akkreditament, mhux respint mill-benefiċjarju, li jiffissa definitivament l-apertura tal-kreditu;

Illi ugwalment inaċċettabili hu r-riljev l-ieħor li d-differenza bejn l-apertura tal-kreditu u l-kommunika tiegħu kienet wisq żgħira. Evidentement l-attur qiegħed jommetti r-rifless importanti ferm illi tant kien essenzjali t-terminu fl-intenzjoni tal-ġudikant fis-sentenza tat-12 ta' Ottubru 1948, illi fis-sentenza stess ġie provvedut illi, fil-każ li l-apertura tal-kreditu ma ssirx fiż-żmien prefiss, it-talba ta' l-attur għal l-eżekuzzjoni tal-bejgħ kellha titqies miċħuda. L-osservanza tat-terminu "ad unguem" kienet għalhekk toħroġ ċar mid-dispożitiv stess tas-sentenza. Kienet għalhekk imprudenza ta' l-attur li jaħseb għall-apertura fl-aħħarnett u jagħmel il-versament proprju f'xi l-għaxra ta' filgħodu fil-ġurnata li fiha kien jagħlaq it-terminu;

Dwar ir-riljev l-ieħor ta' l-attur fol. 111, hu ċert li l-bwona fede fil-kuntrattazzjonijiet, speċjalment dawk kummerċjali, hi massima impreteribili; imma hu ugwalment veru li l-eżekuzzjoni puntwali ta' l-obligazzjonijiet hi anki meħtieġa. Meta dina l-eżekuzzjoni ma ssirx puntwalment skond il-liġi, u meta b'dik l-eżekuzzjoni difettuża jiġi kreat dritt favur il-kontraent l-ieħor, allura l-ewwel wieħed ma jistax jilmenta jekk l-ieħor jipprevali ruħu minn dak id-dritt u jfittex it-tornakont tiegħu billi jagħmel spekulazzjoni aktar vantaġġuża;

Illi ġa la darba l-apertura tal-kreditu ma saretx fit-terminu meħtieġ, għaliex ma ġietx kommunikata f'dak it-termi-

nu, għalhekk ma hux meħtieġ li tidħol fil-kwistjoni dwar il-kondizzjonijiet l-oħra ta' l-apertura tal-kreditu;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur nomine..................;

Rat il-petizzjoni ta' l-attur nomine li biha talab ir-riforma tas-sentenza appellata, billi dina tiġi konfermata fejn ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari opposta mill-konvenut u tiġi revokata għall-kumplament, billi konsegwentement jiġi deċiż għattenur tat-talbiet ta' l-attur kif dedotti fiċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut nomine;

*Omissis;*

Ikkunsidrat,

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re tat-12 ta' Ottubru 1948 il-konvenut nomine kien ġie kundannat jeżegwixxi l-bejgħ tal-ħadid in kwistjoni taħt ċerti kondizzjonijiet, u bil-patt li l-attur fi żmien xahar jipprokura l-ftuħ ta' kreditu.............. It-terminu ta' xahar impost f'dik is-sentenza għall-ftuħ tal-kreditu kien jagħlaq fit-12 ta' Novembru 1948. Intant l-attur nomine, fit-12 ta' Novembru 1948, filgħodu, għamel il-pratiki kollha neċessarji ma' Barclay's Bank u fetaħ il-kreditu favur il-konvenut nomine. Il-Bank kiteb lill-konvenut ittra fejn għarrfu bl-apertura tal-kreditu, u impustaha bħala ittra reġistrata wara nofs in-nhar, u l-ittra marret mal-posta tal-5 p.m., u ġiet miġbura l-posta, u hemm tlestiet għall-ewwel konsenja ta' l-ittri tal-għada fil-għodu. Fil-posta l-konvenut kien iżomm kaxxa fejn jintqegħdulu l-ittri li jkunu indirizzati lilu, u kien soltu jibgħat jiġborhom per mezz ta' impjegat tiegħu. L-għada li ġiet impustata dik l-ittra, għal xi t-8 a.m., x'ħin dik l-ittra kienet għadha ma ntqegħditx f'dik il-kaxxa mill-impjegat tal-posta, mar l-impjegat tal-konvenut u ġabar l-ittri li allura kien hemm f'dik il-kaxxa; u għalhekk il-konvenut ma' l-ittri ma sabx l-ittra tal-Bank. Dak in-nhar il-konvenut ma reġax bagħat jara kellux ittri fil-kaxxa, u lanqas fittex li jistaqsi l-Bank jekk l-attur kienx fetaħ il-kreditu; iżda ittelegrafa lil ċertu Heinemann li aċċetta li jbigħlu l-ħadid. Intant dik l-għodwa stess, kif irriżulta mid-depożizzjoni ta' l-Avukati Xuereb u Gatt u ta' Anthony Richard Calleja, l-Avukat Professur Xuereb għarraf, fl-assenza tal-konvenut, lill-impjegat tal-kon-

venut bl-apertura tal-kreditu, u l-konvenut sfess sar jaf minn għand impjegat ieħor, il-Kurunell Bartolo, bl-apertura tal-kreditu. Peress li dak in-nhar kien is-Sibt, u l-konvenut ma ttrax l-ittri mill-kaxxa, dik l-ittra tal-Bank ġiet mibgħuta lill-konvenut fl-indirizz tiegħu, u waslitlu t-Tnejn ta' wara, 15 ta' Novembru. Il-konvenut fil-pront ipprotesta li ma kienx iżjed marbut ma' l-attur, għar-raġuni li l-kreditu kien ġie miftuħ tardivament, għax kien ġie notifikat lilu wara l-iskadenza tat-terminu ta' xahar;

Ikkunsidrat;

Illi skond is-sentenza fuq imsemmija l-attur nomine kellu l-obligu li fi żmien xahar jipprokura l-ftuħ ta' kreditu favur il-konvenut. Fiż-żmien dak ix-xahar il-kreditu ġie miftuħ regolarment, u l-Bank li aċċetta li jiftaħ dak il-kreditu għamel dak li soltu jsir, li dak in-nhar stess jibgħat javża b'ittra reġistrata lill-konvenut bl-ftuħ tal-kreditu. Huwa naturali li l-ittra trid tieħu ż-żmien tagħha biex tasal fid-destinazzjoni tagħha. Fil-fatt l-għada stess, meta ntqegħdet fil-kaxxa ta' l-ittri tal-konvenut, l-ittra tal-Bank kienet qisha waslet fid-destinazzjoni tagħha, għax kien b'arranġament tal-konvenut stess li l-ittri tiegħu jiġu kunsinnati per mezz tal-kollokament tagħhom f'dik il-kaxxa. Dana jfisser li bejn l-apertura tal-kreditu da parti ta' l-attur u l-wasla ta' l-avviż tal-Bank fid-destinazzjoni, kien hemm ritard, jekk jista' jissejjaħ ritard, qasir ferm; u kif ġà ntqal, dak in-nhar stess tas-Sibt, il-konvenut stess sar jaf bl-apertura tal-kreditu; u li kieku ħa ħsieb jiġbor l-ittri mill-kaxxa postali tiegħu wara t-tmienja ta' filgħodu, kien ikollu l-ittra tal-Bank bl-informazzjoni dwar il-modalità kollha tal-kreditu. Intant l-attur kien għamel il-parti tiegħu, skond ma kien ġie impost u stabbilit fis-sentenza tat-12 ta' Ottubru 1948; u la darba kellu, skond dik is-sentenza, żmien sat-12 ta' Novembru għall-ftuħ tal-kreditu, huwa seta' jutilizza favur tiegħu l-terminu kollu sa l-aħħar ġurnata. U la darba l-avviż kellu joħroġ mill-Bank, u l-Bank soltu joħorġu b'ittra bil-posta, u l-ittra trid iż-żmien tagħha biex tasal għand id-destinatarju, huwa naturali li bejn il-ftuħ tal-kreditu u l-wasla ta' l-avviż għand id-destinatarju jrid ikun hemm ċertu żmien raġjonevoli. Fil-każ in eżami, ebda dewmien kolpuż ma kien hemm bejn il-ftuħ tal-kreditu u l-

wasla ta' l-avviż fil-kaxxa postali tal-konvenut; u ċertament ebda ħtija ma kellu l-attur jekk l-ittra, f'lok filgħodu, intbagħtet wara nofs in-nhar u ntqegħdet fil-kaxxa postali tal-konvenut wara t-8 a.m. u mhux qabel;

Ikkunsidrat;

Illi l-avviż tal-ftuħ tal-kreditu lanqas ma kien meħtieġ biex iservi ta' aċċettazzjoni tal-kondizzjoni tal-ftuħ tal-kreditu fit-terminu utili għall-finijiet tal-perfezzjonament u r-rabta tal-ftehim u ta' l-obligazzjoni; għax il-kuntrattazzjoni kienet saret u l-obligazzjoni kienet inħolqot kompletament qabel, u ma kienx hemm kondizzjonijiet ġodda proposti għall-aċċettazzjoni. U tabilħaqq, ma kienx il-każ ta' kuntratt li kellu jiġi konkjuż per mezz ta' korrispondenza, iżda kien sempliċement il-każ ta' eżekuzzjoni ta' kuntratt ġà konkjuż. Il-kondizzjoni — terminu tal-ftuħ tal-kreditu fi żmien xahar bid-dekadenza fil-każ ta' inadempiment — kienet ġiet imposta fis-sentenza tat-12 ta' Ottubru 1948. L-attur, bil-fatt tiegħu stess, qagħad għal dik il-kondizzjoni billi adempiha u eżegwita fit-terminu preċiż; u għalhekk da parti tiegħu għamel dak kollu li kellu jagħmel biex ma jitlefx id-drittijiet tiegħu u biex jevita r-riżoluzzjoni tal-kuntratt. Aktar minn daqshekk fis-sentenza l-Qorti ma ordnatlux li jagħmel. L-avviż kien jirrigwarda unikament in-notizzja ta' l-adempiment u eżekuzzjoni da parti ta' l-attur tal-parti tiegħu tal-kuntratt, mhux li kellu jiġi konkjuż, iżda li kien ġà konkjuż; u dana sabiex il-konvenut ikun jaf bl-adempiment effettiv u l-verifikazzjoni tal-kondizzjoni li kienet tolbtu għall-eżekuzzjoni ta' l-obligazzjoni da parti tiegħu. U l-konvenut, li ried, seta', anki qabel, liberament jaċċerta ruħu fuq il-ftuħ tal-kreditu billi dak in-nhar stess ta' l-iskadenza jistaqsi lill-Bank jekk kienx sar il-ftuħ, bħal ma għamel fil-każ tal-kreditu ta' Keuress, qabel ma kkunsidra ruħu maħlul;

Ikkunsidrat;

Illi għaldaqstant, il-fatt li l-avviż tal-Bank wasal fil-kaxxa postali tal-konvenut l-għada tal-għeluq tat-terminu utili tal-ftuħ tal-kreditu ma jistax iġib għall-konsegwenza tar-riżoluzzjoni ta' l-obligazzjoni tal-konvenut; li għalhekk hu obligat jeżegwixxi l-kuntratt u s-sentenza, skond il-patti u s-sentenza tat-12 ta' Ottubru 1948;

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut ta wkoll l-eċċezzjoni li l-kreditu ma ġiex miftuħ mill-attur skond is-sentenza, għax ġie miftuħ favur id-ditta "Messrs Joseph E. Mamo & Sons", mentri d-ditta tiegħu hi "Joseph E. Mamo & Son". Fuq dana għandu jingħad li dik id-differenza fl-indikazzjoni tad-ditta ma hi ta' ebda importanza pratika. Il-kelma "Messrs" hija aġġunta ta' semplici kortesija li soltu tinkiteb fl-indirizz tad-ditti kollha, u ma timporta ebda tibdil jew żieda fir-raġjon soċjali. Similment, ebda importanza pratika ma għandu l-fatt li flok "Son", fis-singular, inkiteb "Sons", fil-plural, għax b'daqshekk ma ġietx mibdula r-raġjon soċjali b'mod li seta' nħoloq ekwivoku jew konfużjoni; u kif il-konvenut stess ammetta, il-konvenut ma għandu ebda ditta oħra b'isem li jixbah dak l-isem (fol. 114). Kif ġiet indikata fl-apertura tal-kreditu, id-ditta tal-konvenut hija suffiċjentement identifikabili b'mod l-aktar ċar; għaldaqstant l-eċċezzjoni tal-konvenut fuq dana r-rigward ma għandha ebda bażi ġuridika:

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut isostni wkoll li l-ftuħ tal-kreditu ma sarx skond it-termini tas-sentenza, għax il-ħadid "vagonabili" ġie indikat bħala "of a size that may be handled and stowed in a railway truck". Iżda dawk il-kliem kienu evidentement ntiżi bħala parafrasi spjegativa bl-Ingliż tal-kelma Taljana "vagonabile", li għaliha evidentement l-attur ma għarafx isib kelma ekwivalenti bl-Ingliż. Iżda fil-kontest stess il-konvenut ħa ħsieb jurı x'ried ifisser, għax żied f'parentesi l-kelma Taljana "vagonabile"; u dina kienet telimina kompletament kull xorta ta' diffikultà u kull ekwivoku possibili;

Ikkunsidrat;

Illi kwantu għall-kondizzjoni rigwardanti l-konsenja tal-ħadid fuq il-bankina u l-użin tiegħu mill-piżaturi tal-Gvern, dawk kienu l-kondizzjonijiet imposti fis-sentenza li għaddiet "res judicata". Għandu jingħad ukoll li fl-avviż tal-Bank il-konvenut kien ġie invitat biex jittratta ma' l-attur fuq il-kondizzjonijiet li seta' deherlu li ma setax jeżegwixxi, biex jiġu eliminati d-diffikultajiet dwar il-konsenja tal-ħadid (fol. 28); iżda l-konvenut lanqas ma pprova jittratta fuq xejn, u mill-ewwel ipponta fuq id-dekadenza u r-riżoluzzjoni tal-kun-

tħatt minħabba l-iskuża ta' dekorrenza tat-terminu utili;

Ikkunsidrat;

Li fl-aħħarnett wieħed ma għandux jinsa li ħ ugi espressa l-kuntratti għandhom jigu eżegwiti bil-bwona fede;

Għal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tilqa' l-appell interpost mill-attur nomine, tirrevoka s-sentenza appellata fil-kap appellat, u għalhekk tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut appellat u tilqa' t-talbiet ta' l-attur nomine; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat.